MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

**GUDIKATUR DR.**
**ELLUL ANTHONY**

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2002

Talba Numru. 1752/2001/1

**Ian Abela Fitzpatrick ezercenti l-kummerc bl-isem The Servicing Network**

**vs**

**Web Trading Limited.**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba ghall-hlas tas-somma ta' disgha mija u tletin lira Maltija u disgha u disghajn centezmu (Lm930.99), bilanc ta' prezz dovut mis-socjeta konvenuta lill-attur in rigward ghal merce lilha mibjugha u debitament ikkonsenjata u ghal servizzi rezi matul is-sena 2000.

Ra r-risposta (fol. 9) li biha s-socjeta konvenuta eccepiet li l-ebda hlas ma kien dovut minhabba li l-ammont miftiehem gie mhallas kollu.

Semgha x-xhieda li tressqu mill-partijiet.

Ra n-noti ta' sottomissjonijiet.

Ra l-atti tal-kawza.

Ikkunsidra:

1. Is-socjeta konvenuta qeghda tibbaza d-difiza taghha fuq il-hlas. Ghalhekk l-oneru tal-prova qieghed fuqha (*iuxta allegata et probata*).

2. Fix-xhieda li taw il-partijiet permezz tal-procedura ta' l-affidavit, huma dahlu f'hafna dettall dwar kif sehh in-negozju u l-pagamenti li saru matul iz-zmien. B'danakollu, it-Tribunal irid fl-ewwel lok jara jekk il-hlas li sar fil-11 ta' Lulju 2001 (permezz ta' cekk fl-ammont ta' sitt mija u wiehed u hamsin lira u hamsa u erbghin centezmu [Lm651.45]) kienx sar ghas-saldu ta' kull pretenzjoni li seta' kellu l-attur.

3. Jibda biex jinghad li kuntrarjament ghal dak il pprova jaghti x'jifhem l-attur fl-affidavit tieghu, m'huwiex mehtieg li jsir xi haga in iskritt meta debitur jaghmel hlas ghas-saldu. Ghalkemm din il-procedura hija iktar prudenti u tevita kwistjonijiet bla bzonn, m'hijiex xi haga ta' bilfors.

4. Fil-fehma tat-Tribunal ix-xhieda moghtija mill-ufficjali tal-bank hija wahda cjara u ma thalli ebda lok ghall-interpretazzjoni. F'dan is-sens:

- **Joanne Cutajar** (seduta tal-5 ta' Marzu 2002) kkonfermat li hija mpjegata tal-bank, u li quddiemha l-partijiet *"kienu tkellmu illi dan* [igifieri l-hlas ta' Lm651.45] ***kien se jkun l-ahhar pagament li ser taghmel is-socjeta konvenuta****"* (fol. 42). Kliem, li kuntrarjament ghal dak li ssottometta l-attur fin-nota tieghu, jindika bic-cjar li ntlahaq ftehim bejn il-partijiet li s-socjeta konvenuta taghmel l-ahhar pagament. Ix-xhud kompliet tispjega: *"l-ammont li jidher fuq id-dokument SR11 huwa l-istess ammont li quddiemi tkellmu fuqu il-kontendenti"* (fol. 43);

- Edwin Buhagiar (sedua tal-5 ta' Marzu 2002) kkonferma li huwa kien impjegat tal-Bank of Valletta plc u

kien jokkupa l-kariga ta' Branch Manager fil-fergha tal-Gzira. Il-partijiet kienu tkellmu mieghu ghall-ghoti ta' garanzija li ***"kienet tammonta ghal xi sitt mija u hamsin liri Maltin [Lm650]. Kienet tkopri full and final settlement tan-negozju li kien hemm bejn iz-zewg partijiet"***.

5. It-Tribunal irid jiddecidi l-kawza ghab-bazi tal-provi li jkunu tressqu quddiemu. Minn dawn il-provi t-Tribunal huwa moralment konvint li l-ahhar cekk li gie msarraf fil-11 ta' Lulju 2001 kien l-ahhar pagament li kellu jsir, skond il-ftehim li lehqu il-kontendenti. Dan il-fatt huwa kkonfermat minn zewg xhieda, li ma gew bl-ebda mod kontradetti. Xhieda li fil-fehma tat-Tribunal ma thalli l-ebda dubbju dwar il-ftehim li l-ahhar pagament sar ghas-saldu u b'hekk inqatghet il-kwistjoni. Lanqas m'hemm xi cirkostanzi li b'xi mod jistghu jiskossaw din ix-xhieda. Mill-provi ma jirrizultax li wara li sar l-ahhar pagament il-partijiet komplew bin-negozju bejniethom. Fil-fatt l-attur stess jidher li jirrikonoxxi dan il-fatt meta fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu jargumenta li l-ahhar pagament kien gie accettat *"bhala pagament akkont ta' l-ammont ikbar dovut"*. Kif rajna l-provi juru mod iehor. Sahansitra in kontro-ezami l-attur ikkonferma (seduta tat-2 ta' Mejju 2002) li wara l-ahhar pagament lanqas ma baqghu johorgu *statements of account*, u li jkompli jsahhah il-fehma tat-Tribunal li l-ahhar pagament kien sar ghas-saldu.

Ghal dawn ir-ragunijiet, it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddecidi l-kawza billi jilqa' l-eccezzjoni sollevata mis-socjeta konvenuta u jichad it-talba ta' l-attur.

Bl-ispejjez kontra l-attur.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**